IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 43

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 11 ta' Awwissu 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

** **Peress illi is-Sindku kien skużat, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Sindku Doris Coleiro.**

1.00 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 42**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G42 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 42



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 42** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 42

2.01 10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra giet mibgħuta lil 'Transport Malta'. — Talba biex jitneħħa l-*bus shelter* u l-kamra tad-*despatcher* fi Triq Santa Rita

2.02 10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra ġiet mibgħuta lil 'Transport Malta'. — Talba lil 'Transport Malta' dwar manutenzjoni ta' toroq fil-kampanja

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni x'tiġi diskussa.

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 249 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-hlasijiet numru 249

**5.00 Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 3 - RLC/T/129/13**

5.01 Il-Viċi Sindku ressqet l-offerta RLC/T/129/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 3 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. — Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 3 -RLC/T/129/13

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-7.38 ta' filgħaxija.

**6.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti – RLC/Q/087/14**

6.01 Il-Viċi Sindku ressqet il-kwotazzjoni RLC/Q/0087/14 għat-tisqija u żamma tal-pjanti u ppropomiet li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda. — Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti – RLC/Q/087/14

**7.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14**

7.01 Il-Viċi Sindku ressqet il-kwotazzjoni RLC/Q/0088/14 għall-ġbir ta' annimali mejta u ppropomiet li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il- — Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-ġbir ta' annimali mejta –

kwotazzjoni tiġi mġedda. RLC/Q/088/14

8.00 **Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14**

8.01 Il-Viċi Sindku ressqet il-kwotazzjoni RLC/Q/0089/14 għat-tindif tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill u pproponiet li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda. Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14

9.00 **Korrispondenza**

9.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0879/15,** il-Viċi Sindku infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-artist Mario Cassar sabiex iwettaq proġett mal-Kunsill bħala parti mill-proġett 'Art in Public Spaces' mniedi mill-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura, u l-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, u l-Kunsill ta' Arti u l-Mużika. Proġett 'Art in Public Spaces'

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill unanimament qabel li jidħol f'kollaborazzjoni mal-artist Mario Cassar bil-kundizzjoni li l-Kunsill ma jidħol fl-ebda obbligi finanzjarji la qabel u lanqas wara li ssir l-opra artistika. Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-opra artistika ssir fis-*soft area* li hemm fi Triq Rudolph Saliba ħdejn il-Kulleġġ San Nikola, Skola Primarja B. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0896/15,** il-Viċi Sindku infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand sid ir-residenza 42/44/46 Triq Santa Rosa fejn kien qiegħed jitlob *No Objection* mingħand il-Kunsill sabiex ikun jista jimmodifika l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu għas-spejjeż tiegħu. Talba biex issir modifikazzjoni fuq il-bankina tar-residenza 42/44/46 Triq Santa Rosa

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjoni li kull xogħol li hemm bżonn isir f'dan ir-rigward għandu jsir għas-spejjeż ta' sid ir-residenza u skont il-pjanta ddiżinjata mill-Perit Maria Schembri Grima, liema pjanta tinsab annessa mal-korrispondenza. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0903/15,** il-Viċi Sindku infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-sid ta' *The Peristyle Restaurant* fejn kien qiegħed jitlob *No Objection* mingħand il-Kunsill sabiex jarma l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem ir-*restaurant* li qiegħed 12, Triq l-Wesgħa tal-Mużew. Permess għal tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet

Wara diskussjoni li saret il-Viċi Sindku pproponiet li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjoni li jitħalla aċċess biex jgħaddi l-pubbliku kemm bis-siġġijiet tar-roti, b'*pushchairs* kif ukoll l-ambulanza. Il-Kunsillier Stephen Borg ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0877/15**, il-Viċi Sindku infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva proposta mingħand il-P.A.R.K. dwar l-iskema '34U' sabiex jitħawlu siġar indiġeni/Maltin fil-lokalità. L-iskema 34U

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li dawn is-siġar jitħawlu fil-konki li hemm vojta fi Vjal il-Ħaddiem, Triq Ħad-Dingli u l-Belvedere ta' Għar Barka. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolph Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-8.32 ta' filgħaxija.

9.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0887/15**, il-Viċi Sindku infurmat il-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

9.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0899/15**, il-Viċi Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

## 10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B12

10.01 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppropniet li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B12 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B12

## 11.00 Materji Oħra

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li ż-żmien ta' prova tal-impjegat Brenadline Fenech kien ser jiskadi. Wara li l-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni tal-opinjoni pożittiva tas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-imsemmija impjegata, fuq proposta tal-Kunsillier Nazju Cassar u ssekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo, il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntratt tal-impjegata Brenadline Fenech jiġi estiż. Żmien ta' prova tal-impjegata Brendaline Fenech

11.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jinżabru s-siġar li hemm fi Triq Ħad-Dingli. Il-Kunsill qabel. Żbir ta' sigar Triq Ħad-Dingli

11.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li kien irċieva diversi lmenti li f'diversi toroq il-ġabra tal-ħġieġ u l-iskart reċiklat ma kinitx saret. Huwa talab li jsir rapport lill-kumpanija *Green MT*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tali rapport kien diġà sar. Ilment dwar il-ġabra tal-ħġieġ u l-iskart reċiklat

11.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li l-Kunsill taż-Żgħażagħ kien qiegħed iħejji *survey* dwar l-użu tal-librerija reġjonali fir-Rabat. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva. *Survey* mill-Kunsill taż-Żgħażagħ

11.05 Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jsir *refresh* tal-*unloading bay* fi Triq l-Afreski. Il- *Refresh* ta'

Kunsill qabel. *unloading bay*

11.06 Il-Kunsillier Andrew Mallia talab li jinbidlu t-tabelli tal-*parking within lines* t'Għajn Kajjet fil-*housing estate,* minħabba li kienu ċċaraw. Il-Kunsill qabel. Bdil ta' tabelli

11.07 Il-Kunsillier Andrew Mallia qal li l-mera t'Għajn Kajjet ħdejn il-*bus stop* kienet ġiet maqlugħa u talab li ssir oħra. Il-Kunsill qabel. Mera maqlugħa

**12.00 Data tas-seduta li jmiss**

12.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

12.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 15 ta' Settembru 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**